MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Numru. 621/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Joanne Grech mart Mario u bint Carmel Attard u Teresa nee' Portelli, imwielda fit-23 ta' Gunju 1978 u residenti gewwa Paradise, Triq il-Qiegha, Ghajnsielem, Ghawdex detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 33679(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Joanne Grech li giet akkuzata tallinhar is-26 ta' Gunju 2007 ghal habta tas-1:30p.m. fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex:-
1. volontarjament kisret il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

2. talli hebbet kontra l-persuni ta' Saviour Attard u Charlon Attard minn Ghajnsielem sabiex tingurjhom, iddejjaqhom jew tghamilhom hsara.
3. talli ingurjat b'gesti u kliem lil Saviour u Charlon Attard minn Ghajnsielem.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikunsidrat:

Illi mill-provi akkwizti f'dina l-kawza jirrizulta illi bejn il-familja tal-imputata u l-familja tal-parti leza hemm disgwid kontinwu u dana rigward xi pendenzi civili. Jidher illi dan ma kienx l-uniku incident li nqala' bejniethom. Illi l-imputata u l-familja taghha jaghtu verzjoni differenti minn dik tal-parti leza u ibnu Charlon Attard. Huwa fatt mhux ikkontestat illi dan l-incident inqala' meta bint l-imputata waqqfet il-vettura taghha fit-triq tistenna sabiex missierha jghinha iddahhal l-istess vettura fil-garaxx tieghu. Jidher illi l-vettura kienet qed tostakola t-traffiku iktar u iktar fil-jum tal-incident meta kien qed isir xoghol ta' ristrutturazzjoni fl-istess triq. Jidher illi f'dan il-mument wasal Salvu Attard bit-trukk tieghu fejn kien hemm ukoll ibnu Charlon. F'dan il-mument Roberta Vella oht l-imputata dahlet issejjah lil missierhom Carmel Attard filwaqt illi hi flimkien ulied Robert baqghu fil-vettura. Ghalkemm ma hux car ezatt x'gara f'dana l-punt, izda jidher illi gew skabjati xi mossi bejn Joanne u Salvu Attard. Hekk kif hareg Carmel Attard u avvicina l-vettura, Salvu beda jghajjat u jghidlu biex iwissi lil bintu biex ma toqghodx taghmel il-mossi b'xufftejha. Hawnhekk Carmel wiegbu lura. Il-partijiet ma jaqblux ghar-rigward tad-diskors li nghad ghaliex filwaqt illi l-istess Carmel, Teresa, Joanne u Roberta jsostnu illi l-missier wiegeb bil-kliem “bizzejjed” u “ghalaq halqek” jew xi diskors simili, Salvu u ibnu Charlon isostnu illi Carmel heddidhom li kien ser joqtolhom u qalilhom li kien ser imur gewwa jgib xi sikkina. Ghal xi raguni inspjegabbli Salvu u

Charlon hawnhekk nizzlu mit-trukk taghhom u kien minhabba f'dina r-raguni illi nqala' dana l-incident.

Illi Salvu u Charlon Attard ighidu li nizzlu mit-trukk sabiex iwaqqfu lil  Carmel milli jmur igib is-sikkina, izda dina l-verzjoni ma taghmilx wisq sens. Zewg persuni rekbin fi truck gholi ma kellhomx ghalfejn jibzghu illi Carmel Attard kien ser ihebb ghalihom b'sikkina ghaliex zgur li ma kenux f'posizzjoni vulnerabbli li seta' jaghmlilhom xi hsara minn fejn kienu. Inoltre lanqas ma jitwemmen dak illi jghidu Salvu u Charlon meta jistqarru illi lill-imputata u lil ommha Teresa Attard ma messewhomx meta mill-provi jidher illi dawn iz-zewg nisa sofrew griehi hfief u sahansitra gie mqatta' l-flokk tal-istess imputata. Ta' dan hemm xhud is-surgent 1346 li investiga dana l-kaz u jghid kemm fix-xhieda kif ukoll fir-rapport tieghu illi huwa ikkonstata l-fatt illi Joanne fil-fatt kellha l-flokk imqatta'. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-verzjoni moghtija mill-imputata u l-familja taghha hija wahda iktar kredibbli u verosimili u cioe' illi Salvu u Charlon Attard hebbew ghal Carmel Attard u kkagunawlu griehi hfief kif ukoll illi Salvu Attard hebb ghal Teresa Attard u Joanne Grech meta dawn l-ahhar tnejn intervjenew bejnu u bejn Carmel Attard.

Illi ghar-rigward tat-tielet akkuza u cioe' illi l-imputata offendiet lil Salvu u Charlon Attard b'xi gesti hemm kunflitt fil-provi ghar-rigward ta' dak li sehh u cioe' jekk verament l-imputata ghajbitx jew ghamlitx xi mossa ohra b'xuftejha fil-konfront tal-parti leza..

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront taghha, issibha hatja tal-ewwel u tikkundannaha ammenda ta' €20.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------